MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Numru. 238/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**James Lungaro Mifsud**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat James Lungaro Mifsud ta’ 31 sena, mwieled 1 ta’ Novembru 1975 San Giljan bin Vincent u Maria Elena nee’ Zahra u residenti f’Kensington Court Flat no 12 Bordino Street, St. Paul’s Bay u detentur tal-karta tal-identita’ numru 41876(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer, nhar il-5 ta' April 2006 f'San Pawl il-Bahar, Qawra f'xi hin bejn nofs il-lejl u s-saghtejn ta' filghodu ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Attard skond ma ccertifikah Dr. David Ellul fl-isptar San Luqa.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Gunju, 2007 (esebit *a folio* 11 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2007 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:
Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li allegatament sehhet fil-5 t'April 2006 bejn nofs il-lejl u 2.00 a.m. fil-parapett tal-Incognito Bar, f'San Pawl il-Bahar bejn l-imputat James Lungaro Mifsud u l-parti civili Emanuel Attard fejn dan tal-ahhar sofra griehi ta' natura gravi skond kif jirrizulta mic-certifikat mediku inserit a fol. 10 tal-atti processwali u mix-xhieda ta' Dr. David Ellul. [1]

Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ghal kollox differenti dwar kif sehh l-incident mertu ta' din il-kawza. Mill-banda wahda ghandha l-verzjoni tal-fatti tal-parti civili Emanuel Attard u tal-hbieb li kienu mieghu fil-bar, u cioe' Victor Gruppetta, Evelyn Falzon u Sina Grima[2], fejn dawn isostnu li huma kienu lkoll qed jiehdu drink flimkien fl-Incognito Bar, San Pawl il-Bahar u li f'hin minnhom Emanuel Attard iddecida li kien ser jitlaq u meta huwa hareg il-barra mill-bar raw lill-imputat jigri warajh u mill-

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 7 sa 9 tal-atti processwali.
[2] Li lkoll xehdu in ezami waqt l-udjenza tal-5 t'Ottubru 2007.

bieb tal-hgieg tal-bar raw lill-imputat jaghtih daqqa ta' ponn u jwaqqghu mal-art u mbaghad jitlaq jigri minn fuq il-post bil-vettura tieghu. Emanuel Attard qal li malli huwa hareg barra l-imputat hareg warajh u beda' jghajjat f'wiccu u jistaqsih jekk iridx jghidlu xi haga u meta huwa rrispondih u qallu sabiex ihallih bi kwietu ghaliex ried imur id-dar l-imputat tah daqqa f'wiccu man-naha tax-xellug u bid-daqqa huwa waqa' u gie fuq spaltu. Huwa spjega li kellu dislocated shoulder u kompla jmur ghal physiotherapy ghal zmien twil wara dan l-incident. Emanuel Attard qal li dakinhar qabel l-incident huwa ma kienx kellem lil-imputat izda kien rah qed ikanta il-karaoke fil-bar.

L-imputat irrilaxxja stqarrija [3] fejn huwa spjega li huwa kien imur ta' spiss ikanta u jiehu drink fil-bar in kwistjoni u qal li xi gimghatejn qabel l-incident de quo Emanuel Attard kien ghadda xi kummenti dispreggjattivi fil-konfronti tieghu u huwa rega' ghadda xi kummenti simili fil-5 t'April 2006. L-imputat jghid li huwa ma setghax jifhem ghalfejn Attard kien qed jghaddi dawn il-kummenti u ghalhekk hareg warajh sabiex jistaqsih il-ghala kien qed jaghmel hekk u meta staqsa lil Attard dan imbuttah u huwa mbuttah lura u Attard waqa' mal-art u meta huwa mar jipprova jghinu hargu l-hbieb ta' Attard mill-bar u wiehed minhom qallu li kien ikun ahjar ghalih jekk jitlaq minn fuq il-post ghaliex kienu ser iduru ghalih. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri [4] fejn huwa kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija izda elabora dwar l-incident li kien inqala' ma Emanuel Attard xi hmistax qabel l-incident de quo fejn spjega li huwa kien qed jiehu kafé u jitkellem mat-tifel ta sid il-bar fejn qallu kemm hu tac-cajt li trid tohrog barra sabiex tpejjep sigarett u Attard li wkoll kien bil-qeghda mal-bar u minghajr ma l-imputat kien indirizzah irrispondih billi qallu 'int mhux tan-n..k kont tharrek lin-nies' u wara li l-imputat staqsih jekk xi darba kienx harrku bhala warden Attard irrispondih 'aqtagha ba..a'. Fil-gurnata in dizamina l-imputat spjega li wara li huwa spicca jkanta ghadda kumment li hadd ma kien tal-kalibru tieghu u malli ghadda

[3] Inserita a fol. 21 tal-process.
[4] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 50 sa 60 tal-atti processwali.

dan il-kumment sema’ lil Attard jghid lil shabu ‘xi jrid jghid biha li hadd m’hu tal-kalibru tieghu ghax nifqalu wiccu’. L-imputat spjega li huwa hareg wara Attard sabiex jistaqsih x’kienet ir-raguni il-ghala kien qed jghaddi dawn il-kummenti kollha dispreggjattivi fil-konfronti tieghu u meta staqsih jekk jistghax ikellmu u x’kien ghamillu Attard ghamel idejh ma wiccu u mbuttah u meta kien ser jerga’ jerfa’ jdejh u jimbuttah l-imputat jghid li huwa ghamel idu ma wiccu u mbuttah sabiex jiddefendi lilu nnifsu u Attard waqa’ fuq is-siggijiet tal-bar li kien hemm barra.

Ikkunsidrat:

Ghalkemm huwa minnu li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-imputat fil-kaz odjern il-Qorti ghandha certu dubji dwar il-kredibilta’ ta’ Emanuel Attard u shabu stante li ssibha difficli temmen li l-imputat ghal ebda raguni ta’ xejn u minghajr ma Attard kien qatt kellmu hareg jigri warajh u tah daqqa ta’ ponn. Il-Qorti ssibha wkoll difficli temmen li l-hbieb ta’ Attard li lkoll kienu qeghdin jixorbu mal-bar b’darhom lejn il-bieb ta’ barra setghu jaraw lill-imputat jaghti daqqa ta’ ponn lil Attard. Il-Qorti jidrilha li l-imputat rnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-fatti graw kif irrakkontahom hu u li huwa agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu minn Attard wara li dan kien diga’ mbuttah l-ewwel darba u kien ser jerga’ jimbuttah.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------